MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Numru. 733/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank  Anthony Tabone)**

**vs.**

**Jason Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Jason Vella, bin Lino u Maria neé Caruana, residenti fil-fond Lewza, Triq Sant Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur  tal-karta tal-identita' numru 207093(M) li gie akkuzat talli nhar l-1 ta' Settembru 2011 ghal habta ta'

11:30hrs fl-istabbiliment Pizza Marina li jinsab Shore Street, Ghajnsielem, Ghawdex;

1. kiser garanzija maghmula nhar it-13.07.2011, liema garanzija kienet maghmula skond is-subartiklu 1 tal-artiklu 39 tal-Att Nru XIV tal-2002;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat**

ILLI mix-xiehda moghtija minn Joseph Borg (Principal Environmental Health Officer) u Louis Grech (Senior Health Inspector) u kif ukoll mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li minkejja li l-imputat kien iffirma garanzija (Dok. “B”) nhar it-13 ta’ Lulju 2011, fl-1 ta’ Settembru 2011 id-*deficiencies* elenkati fil-garanzija ffirmata kienu ghadhom ma gew rimedjati.

ILLI l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 39 tal-Att Numru XIV tal-2002 u kif ukoll Artikolu 39 tal-Kapitolu 449 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ hames mitt euro (€ 500.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------